MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2011

Numru. 176/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Yvonne Farrugia]**

**vs**

**Carmel Debattista**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carmel Debattista detentur tal-karta tal-identita` numru 348364(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-2 ta' Gunju 2007, jew fil-jiem ta' qabel:
Irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-Artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali:

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux

xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza; u

Aktar talli f'dawn il-Gzejjer, f'Gunju 2006 u x-xhur ta' wara xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti msemmija fl-Artikolu 185 tal-Kodici Kriminali a tenur tal-Artikolu 186 tal-Kodici Kriminali.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17(h), 42(d), 185(1), 121A u 186 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni bikrija mill-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u stante li l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni u l-fedina penali tal-istess hija wahda netta u li l-Qorti hija sodisfatta illi l-imputat ma kellux rwol dirett mal-otteniment tal-licenzja de quo, qeghda ssib lill-imputat Carmel Debattista hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------